A.L. 52 ta' l-1995

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali.". A.L. 47 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-20 ta' Frar, 1995.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

2. Għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, id-drittijiet speċifikati f'dawn ir-regolamenti ma għandhomx jitqiesu bħala li jinkludu fihom it-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas skond dak l-Att. It-taxxa fuq il-valur miżjud għandha tinġabar b'żieda fuq dawk id-drittijiet, skond kif ikun japplika. Att Nru. XII ta' l-1994.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) it-tifsiriet ta' "abbonat fit-Terminal X25" u "abbonat fit-Terminal X28" għandhom jitħassru u minnufih wara t-tifsira ta' "virtual circuit" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "X.25", b'referenza għall-*Packet Switching Service,* tirreferi għal tip ta' kapaċità ta' dħul li tippermetti t-tagħmir tat-terminal ta' abbonat, liema tagħmir ikun kapaċi li jifforma l-*packets* tiegħu stess, li jinteraġixxi direttament mal-*Packet Switching Network*;

"X.28", b'referenza għall-*Packet Switching Service*, tirreferi għal tip ta' kapaċità ta' dħul fejn it-tagħmir tat-terminal ta' abbonat ikun kapaċi biss li jibgħat u li jirċievi karattri u għaldaqstant ikun jeħtieġ l-għajnuna minn PAD sabiex jimmonta u jiżmonta *data packets.*";

(b) minflok it-tifsira ta' "dħul bid-*dial*" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "dħul bid-*dial* ", b'referenza għall-*Packet Switching Service*, tfisser l-użu ta' telefon u tal-*Public Switched Telephone Network* biex tidħol ġewwa l-*Packet Switching Network*;

"dħul dirett", b'referenza għall-*Packet Switching Service*, tfisser id-dħul għal ġewwa l-*Packet Switching Network* permezz ta' komunikazzjoni diretta;";

(ċ) minnufih qabel it-tifsira ta' "servizz tat-telefon" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizzi addizjonali" b'referenza għall-*Packet Switching Service* tfisser faċilitajiet ta' użu opzjonali li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu offruti miċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta, sew fuq bażi ta' kuntratt jew fuq bażi ta' kull telefonata;"; u

(d) it-tifsiriet ta' "CUG" jew "*Closed User Group*", "*logical channel* ", "NUA" jew "*Network User Address*", "NUI" jew "*Network User Identification*", "*permanent virtual circuit* ", "port" u "*virtual circuit* " għandhom jitħassru.

Jemenda r-regolament 47A tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu(2) tar-regolament 47A tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-ħlasijiet li għandhom isiru dwar il-*Packet Switching Service* għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok it-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TMIEN SKEDA

Drittijiet għal *Packet Switching Service*

	Lm c m
A. Dħul Dirett	
1. Drittijiet ta' Kumnikazzjoni	
X.25/X.28 — 1,200/2,400 bit/s	30.00,0
X.25/X.28 — 9,600 bit/s	50.00,0
X.25 — 48/64 Kbit/s.....	80.00,0
2. Kirjiet Annwali	
X.25/X.28 — 1,200/2,400 bit/s	300.00,0
X.25/X.28 — 9,600 bit/s	600.00,0
X.25 — 48/64 Kbit/s	1,200.00,0
3. Drittijiet għall-Użu — Internazzjonali	
(a) Dritt skond il-volum għal kull *segment*:	
— Fl-Ewropa	0.00,1
— Barra mill-Ewropa	0.00,5
(b) Dritt skond iż-żmien għal kull minuta:	
— Fl-Ewropa	0.01,0
— Barra mill-Ewropa.....	0.04,0
4. Drittijiet għall-Użu — Lokali	
(a) Dritt skond il-volum għal kull *segment*	0.1 ta' milleżmu
(b) Dritt skond iż-żmien għal kull minuta	0.00,5
5. Servizzi Addizzjonali (kirja annwali) Għal kull servizz addizjonali	12.00,0

B. **Dhul bid-*Dial***

	Lm c m
1. Drittijiet ta' Kumnikazzjoni	
X.25/X.28 — 1,200/2,400 bit/s	10.00,0
X.25/X.28 — 4,800 bit/s	10.00,0
X.25/X.28 — 9,600 bit/s	10.00,0
2. Kirjiet Annwali	
X.25/X.28 — 1,200/2,400 bit/s	36.00,0
X.25/X.28 — 4,800 bit/s	45.00,0
X.25/X.28 — 9,600 bit/s	60.00,0
3. Drittijiet għall-Użu — Internazzjonali	
(a) Dritt skond il-volum għal kull *segment*:	
— Fl-Ewropa	0.00,1
— Barra mill-Ewropa	0.00,5
(b) Dritt skond iż-żmien għal kull minuta:	
— Fl-Ewropa	0.01,0
— Barra mill-Ewropa	0.04,0
4. Drittijiet għall-Użu — Lokali	
(a) Dritt skond il-volum għal kull *segment*	0.1 ta' milleżmu
(b) Dritt skond iż-żmien għal kull minuta	0.00,5
5. Servizzi Addizjonali (kirja annwali)	
Għal kull servizz addizjonali	12.00,0.".